# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2491

Każ numru 3218/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn
Publio Musu'
K.I.488860M
u
360 Foods Import Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum l-Erbgha 13 ta' Settembru 2017**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ppreżentata minn Publio Musu' fil-Qrati tal-Gustizzja fit-3 ta' Marzu 2014, fejn isosstni lit-tkeccija tieghu ma kientx wahda valida u skond il-ligi.

Minn naha taghha is-socjeta 360 Foods Import Ltd. permezz ta' risposta mibghuta fid-9 ta' April 2014 cahdet li id-decizjoni tat-tkeccija tas-Sur Publio Musu' kienet wahda minghajr raguni valida fil-ligi.

It-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm erbatax-il (14) seduta, sema x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha inkonsiderazzjoni l-argumenti kif prezentati fit-trattazzjoni finali ta' l-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mill-partijiet involuti kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**
   Publio Musu' li minn issa il-quddiem ser jissejjah ir-rikorrenti kien mghejjun minn l-Avukat Mark. A Mifsud Cutajar.

Is-Socjeta 360 Foods Imports Ltd li minn issa il-quddiem ser tissejjah is-socjeta intimata, irrapprezentata minn l-Avukat Johnaton Abela.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**
Ir-rikorrent jghid li l-impieg tieghu mas-socjeta intimata beda fil-2006. F'nofs Novembru 2013 hu gie infurmat li l-impieg tieghu kien ser jigi itterminat ghall raguni ta' Redundancy, meta ha il-parir min ghand il-Labour Office u spjega lis-socjeta intimata li dan ma setax isir, qalulu li kienu ser jibdlu ir-raguni tat-terminazzjoni ghall wahda ta' dixxiplina.

Ir-rikorrent baqa jinsisti li ir-raguni tat-terminazzjoni tieghu ma kienetx wahda valida u skond il-ligi.

4. **Il-lista ta' xhieda:**
Xhieda imressqa ser ikunu skond kif elenkati, kif riferiti kemm fir-rikors tar-rikorrenti kif ukoll fir-risposta tas-socjeta intimata.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**
Dokumenti ipprezentati mir-rikorrent mmarkati bhala Dok PM1;PM2; JS1

Dokumenti ipprezentati mis-socjeta intimata immarkati bhala DokMF1; LD1; AES1; JB1; FIL1 sa FIL4; kif ukoll rikors prezentat fir-registru tal-Qrati Superjuri fis-16 ta' Frar 2016.

Dokumenti mitluba mit-Tribunal immarkati SC1; SC2 u PB1 sa PB3.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**Joseph Ellul Sullivan** direttur tas-socjeta intimata "_____________*harist lejh ghidtlu mela inti mill-llum inti bin-notice. Issa hemm hekk kont zbaljat jien ha nghidlek ghaliex zbaljat ghax ma kontx naf jien li fuq dixxiplina twaqqfu dak il-hin, ghax dak il-hin kont inwaqqfu* {( Sed 25-06-2014 pag 4) ripetuta f'pag 6}.

**L-Avv M. Mifsud Cutajar** "*Issa naqblu li f'dawn Sur Musu*?" ir-risposta tad-direttur kienet " *le ma kellhiex bzonn nohrog warnings*" (Sed 25-06-2014 pag 13).

**Publio Musu "***imbaghad pruvajt nikkuntatjah qatali l-mobile, ippruvajt nikkuntatjah fuq facebook Ghandi il-provi, ghidtlu ma kontx nobsorha minnek tkeccejt minhabba fik, qalli awguri, li ma jinterressahx. U blukkani ukoll minn facebook*".

*" indirizz fejn dan jghix ezatt ma kelliex pero' kumbinazzjoni jiena ghalkemm tkeccejt xorta bqajt niffolowjah ghax min jidhaq biha niddejjaq,_______________"* ( Sed 15-07-2015 pag 10).

*“ u zgur li ma ridtx immur ghax inhossni mbarrazanti ha nfittex lil huh bil-Qorti u mmur nahdem ma' huh, sorry ta' jekk minhiex tajjeb ghalih tajjeb ghal huh jien? Hu gie iffitixni, huh*”. (Sed 15-07-2015 pag10)

**7 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Jonathon Abela** f-isem is-socjeta intimata spejga il-fatt li ir-rikorrent kellu jigbor flus dovuti lis-socjeta intimata u dan ma ridx jaghmlu anke jekk fuq talba espressa tas-Sur Joe Sullivan id-direttur u dan quddiem is-salespersons l-ohra fejn is-Sur Musu qallu “*jekk trid igborhom bl-avukat*”. Dan spjegah bhal lir-rikorrent naqas mill-qadi ta' dmirijietu u ghaldaqstant it-terminazzjoni tieghu kienet gusta u skond il-ligi

**L-Avv Mark Mifsud Cutajar** ghar-rikorrent, irrifera li ir-rikorrent kien ilhu jahdem bhala salesman mas-socjeta ghall kwazi hdax-il sena u matul dan iz-zmien ma kellu l-ebda forma ta' twissija ghal imgieba tieghu fuq il-post tax-xoghol. Issemmi kif l-anqas f'din l-okkazzjoni ma nhass li ir-rikorrent ghandu jinghata warning izda gie imkecci fuq ragunijiet ta' dixxiplina.

**L-Avv. Mark Mifsud Cutajar** kompla jaghti spjegazzjoni ta' kif graw il-fatti li wasslu lir-rikorrent li jasal jitlob lid-direttur tas-socjeta intimata sabiex jara kif ser jigbor il-flus pendenti wara li ir-rikorrent kien ghamel diversi tentattivi jipprova jikkuntattja lil dan il-klijent ikkoncernat. L-avukat kompla jishaq li kien id-direttur stess li meta induna li ir-rikorrent ma kienx jisthoqqlu terminazzjoni ta' l-impieg offrielu sabiex imur jahdem fl-istess xoghol ma huh, u b'dan sostna kif jekk ir-rikorrent ma kienx tajjeb biex jahdem mieghu ma jistax wiehed jifhem kif kien tajjeb sabiex jahdem ma huh.

**L-Avv. Mark Mifsud Cutajar** gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-ammont ta' flus li kellu jigbor ir-rikorrent li kien, ta xi mitejn u sittin euro, relatat ma hdax il-sena servizz mghoti mir-rikorrent ta' bniedem li fl-eta tieghu ta' sitta u hamsin sena b'nuqqas ta' hiliet, kien ser ikun difficli sabiex isib impieg. Fl'inkwadratura ta' dawn il-punti l-Avv. Mifsud Cutajar sostna li it-terminazzjoni ta' l-impieg tal-kilijent tieghu ma kienetx gusta u skond il-ligi

**8 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal ha kunsiderazzjoni tal-fatti kif mghotija fix-xhieda taz-zewg partijiet u li gew korraborati b'dokumenti kif prezentati, u dan b'mod partikolari b'riferenza ghal formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent li ir-raguni kif murija tghid li ir-rikorrent gie mkecci b'dixxiplina, “ Disciplinary reasons”.

Mix-xhieda mghotija waqt il-process jidher car li l-pern tal-litigazzjoni bejn ir-rikorrent u id-direttur tas-socjeta intimata kien relatat ma gbir ta' hlasiijiet pendenti minghand klijent, u li l-ammont taghhom kien ta' xi €271. 43c.

Din il-kwistjoni wasslet sabiex zvilluppaw argument bejn iz-zewg partijiet tant li l-impjieg tar-rikorrent gie mitmum.

It-Tribunal Industrijali f'dan il-kaz innota li filwaqt li ir-rikorrent fil-hajja lavorattiva tieghu mas-socjeta intimata ma kellu l-ebda kaz ta' dixxiplina, kienu x'kienu ic-cirkustanzi tal-kaz, ma jista jinghata l-ebda lok li il-proceduri ta' dixxiplina jitwarrbu u il-kastig jigi implimentat arbitrarjament.

It-Tribunal Industrijali dejjem esprima ruhu f'diversi decizjonijiet, fejn tidhol terminazzjoni ta' impieg minhabba raguni ta' dixxiplina, dejjem gie sostnut li dak l-Employer li jasal ghall dan il-pass irid jaghmlu wara li ikun sehh process regolat li fih l-impjegat jinghata ic-cans ta' smiegh xieraq bi dritt li jiddefendi ruhu, xi haga li f'dan il-kaz kienet evidentament mankanti.

It-Tribunal dejjem stqarr li kull impieg huwa sagrosant, kemm ghall-impjegat kif ukoll ghall minn jimpjega u il-partijiet kola ghandhom jerfghu ir-responsibilita tal-konsegwenzi meta il-ligijiet, regolamenti jew proceduri jitwarrbu fil-genb u ma jigux osservati mill partijiet involuti.

**8 Deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, qies li anke li kieku f'sens ta' proporzjonalita ma' kienx jimmerita tkeccija, kastig li fil-qasam tar-relazzjonijiet industrjali huwa meqjus bhala l-piena kapitali.

Fic-cirkostanzi kollha li fih sehh dan it-temm tal-impjieg, dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi li it-terminazzjoni ta' l-impieg ma kienetx wahda gusta u skond il-Ligi u ghaldaqstant jordna lis-socjeta intimata li thallas is-somma ta' hames t'elef euro €5,000 , li ghandhom jithallsu fi zmien tlett gimghat mid-data tal-llum.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)

James Pearsall

Chairman